MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 194/2008

**Probe Technologies Limited (C-30550)**

**vs**

**PBA Ltd (C-38972)**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta’ rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` intimata ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef seba’ mija u tlieta u ghoxrin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€4,723.97) ekwivalenti ghal elfejn u tmienja u ghoxrin Lira Maltin (LM2,028.00) bhala bilanc dovut fuq fattura numru ta’ referenza 2051 datata 15 ta’ Novembru tas-sena 2006 u li kopja taghha tinsab hawn annessa u mmarkata bl-ittra “A”, u dan rapprezentanti bilanc dovut minn somma akbar fuq bejgh u stallazzjoni ta’ sistemi ta’ sigurta` u ta’ kontra**

**n-nar, liema ammont ghadu pendenti wara li numru ta' cekkijiet mahruga mis-socjeta` intimata u hawn ilkoll annessi u mmarkati rispettivament bl-ittri "B" sa "K" ma ssarfux u gew ritornati lura lis-socjeta` rikorrenti bil-kummenti "*refer to drawer*";**

**Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra interpellatorja datata 11 t'April tas-sena 2008 (vera kopja dok. "L" hawn annessa), flimkien mal-imghaxijiet bl-oghla rata skond il-ligi mid-data ta' hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta` intimata li hija ngunta in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti sabiex is-socjeta` intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta` intimata naqset u ma deher l-ebda rapprezentant taghha, la fl-4 ta' Frar tas-sena 2009 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas is-somma ta' erbat elef seba' mija u tlieta u ghoxrin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€4,723.97) lis-socjeta` rikorrenti Probe Technologies Limited;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti kontra s-socjeta` intimata PBA Ltd.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------